MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' April, 2007

Numru 1103/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Cassar**
**V**

**MILOVAN CAMILLERI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **MILOVAN CAMILLERI** ta' sitta w ghoxrin sena bin Angelo u Dolores nee Vella imwieled San Giljan nhar l-ewwel ta' Settembru 1979 u residenti 56, Triq ic-Culqana, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 497379M gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. Talli fil-garaxx numru 56, Triq ic-Culqana, Haz Zabbar nhar il-Gimgha, disgha ta' Dicembru 2005, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja t'ohtu minorenni Deandra Camilleri minn Haz Zabbar, f'perikolu car, hebb ghaliha u taha diversi daqqiet ta' ponn u/jew b'oggett iebes go rasha u fuq wiccha, ferjn permezz

t'hekk, ikkagunalaha hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha u cioe f'wiccha, liema offiza hija ta' natura gravi per durata u liema ferita gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc taghha skond kif iccertifika Doctor M. Grima mit-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar San Luqa;

b. Talli bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil istess ohtu minorenni Deandra Camilleri kontra l-volunta taghha;

c. Talli f'Haz Zabbr tul dawn l-ahhar sentejn, f'diversi hinijiet tal-gurnata u b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, sawwat riopetutament lil istess ohtu minorenni Deandra Camilleri u taha diversi daqqiet ta' ponn fuq diversi partijiet ta' gisimha fejn b'konsegwenza ta' hekk, ikkagunalha offiza ta' natura gravi per durata fuq il-kappell t'ghajnejha kif wkoll diversi feriti ohra ta' natura hafifa.

d. Talli kiser voluntarjament l-bon ordni w il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied jew b'mod iehor;

e. Talli ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghaxra ta' April 2007 [fol 76].

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partjijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Frar 2007.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din l-Qorti tinnota li l-akkuza ta' sekwestru ta' persuna kif moghtija originarjament meta gew mahlufa l-akkuzi mill-Ispettur Anthony Cassar nhar l-hdax ta' Dicembru 2005, ma nghatatx mill-Avukat Generali fir-rinviju li baghat bl-artikoli nhar l-hmistax ta' Marzu 2006 [fol 75] w ghalhekk din il-Qorti mhux ser taghmel ebda accenn fuq din l-akkuza peress li jidher li l-Avukat Generali ghogbu jirtira l-istess akkuza ghar-ragunijiet maghrufa minnu.

Illi ghalhekk apparti l-kontravenzjonijiet moghtija fejn d-difiza irremettiet ruhha ghal atti processwali, din il-Qorti sejra tikkonsidra l-akkuza principali ta' feriti gravi fuq il-persuna minuri Deandra Camilleri, oht l-istess imputat.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 20060 xehed **l-Ispettur Anthony Cassar** [fol 21] fejn spjega kif fid-disgha ta' Dicembru 2005, ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghaxija l-pulizija tad-distrett ta' Haz Zabbar, giet infurmata minn certa Deandra Camilleri minuri ta' sbatax il-sena minn Haz Zabbar, li kienet ghada kif giet msawwta brutalment minn huha Milovan Camilleri.

Spjegat li fil-hin tal-incident hija kienet qieghda bil-qeghda fuq siggu u kellha lil bintha tarbija f'hogorha f'garaxx numru 56, Triq c-Cirqana, Haz Zabbar. Spjegat li f'xi hin bintha misset xi ghodda ta' missierha u huha, l-imputat qabad id din t-tarbija b'forza u nehhiha minn fuq l-ghodda. Hi tkellmet ma huha bl'herra u staqsietu jekk kienx qed jiggennen imiss tarbija b'forza u dak l-hin innutat li huha kienet qed titlaghlu t-tempra w ghalhekk qabdet lit-tarbija u poggietha fil-*play pen*. Dak il-hin, spjegat li hu taha daqqa ta' ponn u qaleb dak kollu li kien hemm fil-*broom cupboard*. Dak l-hin Deandra bir-rabja tat daqqa ta' sieq lil bieba tal-vettura tieghu. Pero spjegat li hsara m'ghamiltx ghaliex il-vettura hija miksija bil-kartun. Deandra ippruvat tohrog tigri barra mill-garaxx sabiex tevita aktar incidenti meta kienet taf li t-temperament ta' huha kien wiehed aggressiv. Dak l-hin intervjenew l-genituri taghha sabiex ma tigix imsawwta aktar.

Dan nonostante pero l-imputat baqa jsawwatha bid-daqqiet ta’ ponn go wiccha u rasha. Hija ghamlet diversi attentati sabiex tohrog mill-garaxx biex ma tibqax tigi msawwta pero ma setghetx ghaliex l-imputat Milovan Camilleri zamm l-bieb f’certa forza. Jghid wkoll li Deandra irnexxilha tiskappa d-daqqiet ta’ ponn ta’ huha biss meta l-genituri taghha tefghu lil imputat barra mill-garaxx. Hija ttiehdet l-isptar u giet certifikata li kienet qed issofri minn griehi ta’ natura gravi per durata u sahansitra kellha anke taghmel xi punti f’wiccha. Deandra spjegat li ommha ma halliethiex tmur taghmel rapport fil-konfront ta’ huha l-imputat peress li bezghet li l-imputat jitlef l-*job* li kellu bhala security ma tal-Group 4. Fil-fatt kien missierha li halliha tmur taghmel r-rapport u fethilha l-bieb tal-garaxx.

Deandra stqarret mieghu li dan ma kienx l-ewwel incident taghha ma huha u li effettivament kienet ilha tigi msawwta minn huha minn mindu kellha sitt snin w anke kien hemm zmien meta wegghet gravement. Qaltlu wkoll li meta kellha tmien snin kien caqalqilha l-ghadam ta’ hugbejha u xi erbgha snin ilu taqbilha t-tambur ta’ widnejha. Pero dwar dawn l-incidenti, rapport ma kienx hemm. Stqarret li xi xaghrejn qabel dan l-incident, huha kien hebb ghaliha w ikkawzalha griehi fuq ghajnejha u l-ferita kienet ghadha tidher.

Fid-dawl ta’ dan kollu, l-pulizija arrestat lil imputat u wara li nghata s-solita twissija, irrilaxxa stqarrija w ammetta li darba verament kien ta daqqa fuq widnejn Deandra u li weggahha f’wiccha fic-*cheekbone* u li gholla idejh fuqha. Ikkonferma wkoll li l-genituri tieghu qatt m’ghamlu rapport fuq dan l-incident. Dwar l-incident tad-disgha ta’ Dicembru 2005, hu ammetta li taha daqqa b’idu pero kienet hi li laqtet imnehirha bil-*broom cupboard*. Ammetta wkoll li f’din l-okkazzjoni hebb ghal ohtu b’tazza f’idejh u kienet ommu li haditlu t-tazza minn idejh. Jghid wkoll li ommu haditilu minn idejh ghaliex kien ser jaggrediha biha. Ammetta wkoll li f’dik l-okkazzjoni beda jaghtiha daqqiet f’wiccha u rahsa pero jghid li kienet hi li bdiet taghtih l-ewwel. Ammetta wkoll ma dan x-xhud, li huwa persuna

aggressiva hafna u li ohtu Deandra kienet itterrorizzata minnu.

Huwa tkellem wkoll mal-genituri tal-minuri u dawn qalulu li dwar l-incident tad-disgha ta' Dicembru 2005, Deandra kienet habtet imnehirha mal-bieb tal-garaxx.

L-Ispettur Anthony Cassar esibixxa din l-istqarrija li tikkonsisti f'sitt faccati u din giet mmarkata bhala document AC 1, kif wkoll ritratt ta' Deandra li gie mmarkat bhala document AC, zewg certifikati medici rilaxxati minn Doctor Grima u Doctor Gauci li gew mmarkati bhala dokumenti AC 4 u AC 5 rispettivament.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed Doctor M. Grima** [fol 35] fejn ikkonferma li kien ra lil Deandra Camilleri nhar d-disgha ta' Dicembru 2005 fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa. Huwa kkonferma c-certifikat document AC 4 bhala document rilaxxat minnu w ikkonferma li kien ghamel erbgha suturi taht imnieher Deandra dakinhar. Il-lacerazzjoni in kwistjoni kienet twila circa 1.5cm u hu kklassifikha bhala ferita gravi per durata.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed PS 1330 Alexander Schembri** [fol 37] fejn ikkonferma li nhar d-disgha ta' Dicembru 2005, waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar, Deandra Camilleri marret taghmel rapport li giet msawwta minn huha Milovan Camilleri. Hu fil-fatt kiteb l-okkorrenza relativa li esibixxa bhala document PS [fol 39].

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed PC 654 Elton Bondin** [fol 42] fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, markata bhala document AC 1. Huwa gharaf l-firma tieghu, dik tal-Ispettur u tal-imputat fuq kull faccata taghha w ikkonferma li l-imputat gie moghti s-solita twissija.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehdet Deandra Camilleri** [fol 44] fejn spjegat kif fid-disgha ta' Dicembru 2005, waqt li kienet fil-garaxx bit-tarbija taghha fuqha, huha beda jkun aggressiv maghha wara li bintha, tifla ta'

sena u tlett xhur, misset xi magna tac-cana u hu beda jghidilha li kien ser ikissrulha snienha bil-magna. Hija indunat li huha kien gej bil-glied u dak l-hin poggiet lit-tarbija fil-*play pen*. Hija stqarrret li ndunat li huha kien gej bil-glied ghax ma kienx l-ewwel darba li ggieled maghha. Dak l-hin l-imputat ta daqqa ta' ponn fuq il-*cupboard* u waqa kollox ghal ommu. Dak l-hin ommu kienet ser twaqqfu u kien ser jaggrediha w ghalhekk tat daqqa ta' sieq lil karozza tieghu u qalilha li ma kienx ser jibza minnha. Tghid li hsara m'ghamiltx fil-vettura ghaliex din hija koperta bil-kartun. Hija kienet ser tohrog mill-bieb u dak l-hin l-imputat mar fuqha u sabbatha mal-bieb. Il-genituri taghha intervjenew biex ma jkomplux izda nonostante dan, l-imputat baqa jaghti bil-ponn waqt li kellu tazza f'idejh. Spjegat li spiccat bil-feriti f'wiccha, fuq xofftejha w imnehirha ghalkemm ma setghetx tikkonferma jekk gewx kagjonati bit-tazza. Ikkonfermat pero li d-daqqa f'wiccha kienet rizultat ta' daqqa ta' ponn li qalghet minghand l-imputat.

Il-genituri taghha hargu lil huha barra mill-garaxx u hi marret fil-kamra tal-banju u meta rat wiccha bid-demm, iddecidiet li tmur tirrapporta l-ghassa ghax ma felhitx aktar ghas-swat. Ommha bdiet izzommha biex ma tmurx, bdiet tghidilha li kienet ser ittellfu l-*job* u li hu ahdar u li jpattihielha. Hasset li ma setghetx tkompli b'dik l-hajja ghaliex kienet imbezzgha hafna, dahlet fil-kamra tal-banju, tefghet imqass fil-but, f'kaz li tiltaqa mieghu fit-triq w imbaghad, missierha halliha tmur u marret l-ghassa. Hija infurmat lil pulizija b'dak li kien gara u spiccat l-poliklinika u wara l-isptar biex tiddewwa. Hemmhekk ittehdilha X Rays w sarulha erbgha punti taht imnehirha.

Spjegat kif meta kellha sitt snin u tmien snin giet imsawwta minn huha tant li caqilqilha l-ghadam ta' wiccha u kissrilha t-tambur ta' widnejha. Ikkonfermat li certifikat mediku m'ghandhiex ghaliex <u>qatt</u> ma rrappurtat lil pulizija.

Ikkonfermat li xahrejn qabel dan il-kaz, huha kien aggrediha w ghamlilha farrett fuq ghajnejha u kellhom isirilha zewg punti pero missierha ma riedtx li dawn isiru ghaliex kien haseb li jkerhuha. Hija ma rrappurtatx dan il-

kaz ghaliex riedet tikkalma s-sitwazzjoni. Spjegat kif minhabba huha, hija tghix fil-garaxx ma bintha ta' sena w nofs, torqod fuq saqqu mal-art ghall-kesha diehla minn taht l-bieb tal-garaxx li hu mimli ghodda. Spjegat wkoll li cavetta tad-dar ma kellhiex u li fil-fatt wara li rrappurtat dan il-kaz lil pulizija, l-genituri taghha riedu jkeccuha 'l barra.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed Angelo Camilleri** [fol 49] fejn spjega li dakinhar tal-incident kien ghadu kemm wasal d-dar u waqt li kien qed jippostja l-affarijiet li kellu, dahal ibnu l-imputat. Spjega li kien hemm bintu Deandra bil-tarbija taghha ta' sena w tlett xhur fuqha u din bdiet tmiss l-magna li ghandha l-invell. Dak l-hin l-imputat qabad id t-tarbija u qalilha biex ma tmissx il-magna ghax tkissirihlu. Dak l-hin Deandra qabzet fuqu u qaltlu biex ma jsawwatx lit-tarbija. Poggiet it-tarbija f'postha u bdiet titkellem hazin u tat daqqa ta' sieq lil karozza. Qal li hsara m'ghamlitx u talabhom biex jisktu. Dawn ma waqfux w it-tifel imbuttaha 'l hemm. It-tifla riedet tmur taghmel rapport u martu ma rieditx izda wara xi zmien fethilha l-bieb u telqet. Qal li hu m'indunax li kellha feriti f'wiccha. Stqarr li l-pulizija cemplulu u qalulu li t-tifla kellha bzonn tmur l-poliklinika u li hu ma riedtx imur maghha ghax kien ghadu gej mix-xoghol ghax kien ghajjien. Qalulu li kellha bzonn xi punti pero huwa ma xtaqx li jsiru biex ma jhallux sfregju fuqha.

Mistoqsi jekk kienx hemm incidenti ohra fejn ibnu l-imputat hebb ghal ohtu, x-xhud wiegeb li kien hemm incidenti fejn t-tfal hebbew ghal xulxin u hu kien zammhom. Ammetta wkoll li wara l-incident kellu xi jghid ma bintu Deandra u jghid li jghidilha li hu jikkmanda d-dar. Qal li fil-present kien qed jghix ma bintu w t-tarbija fil-garaxx u l-mara tieghu mat-tifel fid-dar. Mistoqsi jekk ibnu l-imputat kellux xi tazza f'idejh dakinhar tal-incident, x-xhud wiegeb li kellu tazza tat-te' pero ex admissis jghid "kien poggieha fuq il-bank qabel ma hebb ghaliha." Mistoqsi jekk fil-passat t-tifla spiccatx vittma ta' huha, huwa jispjega l-incident li spjegat hi pero jghid li l-feriti saru minnha ghaliex habtet go *cupboard* u li kien l-gharus taghha li kien taqbilbha t-

tambur ta' widnejha. Dwar l-incident fejn zlogalha l-ghadma ta' wiccha jghid li ma jaf xejn.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehdet Doris Camilleri** [fol 52] fejn ikkonfermat dak li qal zewgha u cioe li binthom kienet bil-qeghda fuq siggu fil-garaxx bit-tarbija fuqha w it-tarbija misset magna tac-cana u dak l-hin, Deandra daret fuqu, tat daqqa fuq c-cana u qaltlu 'ma din trid tehodha!' b'referenza ghat-tarbija. Tghid li dak l-hin sabtet t-tarbija fil-*play pen* u bdiet tixxuttja l-karozza tal-imputat. Hi bdiet tipprova tikkalma s-sitwazzjoni u binha qabad tazza bl-ilma minn gol-*cupboard* u sabbat il-bieba u mar ghal ohtu, pero ma misshiex.

Bintha bdiet tidghi u regghet marret tixxuttja l-karozza. Hija qabdet lil binha l-imputat u zewgha qabad lil Deandra u spiccaw f'rokna fil-garaxx. It-tifla bdiet taghti biex missierha jitlaqha u habtet imnehirha mac-cappetta tal-bieb pero demm ma kellhiex, kellha speci ta' girfa biss. L-ghada marret tara c-cappetta li kellha xi hmura fuqha pero lil pulizija ma qaltilhomx b'dan u fil-fatt tghid li din kienet l-ewwel darba li qalet li kien hemm d-demm mal-bieb.

It-tifla riedet tmur taghmel rapport pero missierha ma riedtx u wara xi hin fethilha l-bieb u telqet lejn l-ghassa. Tichad li xi hadd mess lil bintha <u>izda wara ftit, fl-istess nifs</u>, tghid li Deandra laqtet ghajnejha mal-*cupboard* waqt li kienet qed tiggieled ma huha.

Qalet wkoll li darba minnhom bintha qalet li huha kien faqalha t-tambur ta' widnejha izda hi ma kienetx taf b'dan. Mistoqsija jekk kienetx taf li bintha kienet tiehu xi pilloli qalet li kienet taraha tiehu xi pilloli. Qalet wkoll li t-tiftakar li kien hemm incident iehor fejn bintha qalet li huha tellghalha l-ghadma ta' wiccha pero hi ma kienet rat xejn minn dan ghalkemm xorta haditha ghand t-tabib w t-tabib ikkonferma li verament kellha l-ghadma mtella 'l fuq. Ikkonfermat wkoll l-arrangamenti li kien hemm li jorqdu bhala familja u cioe kif spjega zewgha fix-xhieda tieghu.

Illi din il-Qorti kienet innominat lil Doctor Eileen Borg sabiex tezamina lil Deandra Camilleri u tiddeskrivi l-feriti li

kellha ‘n konnessjoni ma dan l-incident tad-disgha ta’ Dicembru 2005 u din t-tabiba nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006, [fol 63] tghid li Deandra Camilleri verament kellha feriti f’imnehirha u xi tbengil, pero dawn kienu ta’ natura hafifa u li trid tmur vicin hafna biex tara l-ferita tal-imnieher [vide dok EB a fol 65].

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehdet Melanie Darmanin** [fol 68] fejn qalet li hi social worker fi hdan is-Servizzi ghal Harsien tat-Tfal. Ikkonfermat li Deandra Camilleri kienet irrappurtat li huha kien aggrediha wara li kien gie mix-xoghol ghaliex bintha kienet messet xi ghodda.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Frar 2006 **xehdet Stafanie Sacco** [fol 70] fejn ikkonfermat li l-imputat kien mar ikellimha flimkien ma ommu u talabha sabiex issib post ghal ohtu f’riformatorju minhabba l-atteggjament li kellha, pero l-omm ma kienetx lesta li tiffirma minghajr il-firma ta’ missierha Deandra.

Ikkunsidrat:
Illi ma hemmx dubbju, li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u cioe fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollha u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi qiset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru ta’ kull xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda kienetx imsahha minn xhieda ohra u tara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, molto piu meta tqis li x-xhieda dwar dan l-incident principalment huma kollha familjari, genituri w ulied tal-istess familja.

Il-Qorti thossha ferm disappuntata kif genituri t’ulied jistghu jixhdu bil-mod li xhedu u jxekklu l-gustizzja biex jiffavorixxu wild minn iehor. Il-genituri ma xehdux bl-istess mod u huwa ovvju li riedu jahbu s-sewwa mill-Qorti u jipprotegu lil binhom l-imputat minn dak li gara.

Doris u Angelo Cammilleri ma jaqblu xejn dwar dak li jghidu fid-dettalji li semmew. Filwaqt li Angelo Camileri kien skett hafna f’dak li qal, l-omm Doris Camilleri kienet deskrittiva hafna u ma hemmx dubbju li dak li qalet fil-maggor parti tieghu, hu nveritier.

It-tifla minuri Deandra kienet konsistenti hafna f’dak li qalet u zammet l-istess versjoni tal-fatti kemm meta rrappurtat l-kaz lil pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni, kemm meta xehdet l-Qorti, kif wkoll xhur wara in kontr’ezami. Ammettiet dak li ghamlet hi sa mill-bidu nett u dak li sehh fil-konfront taghha bl-istess dettal.

Il-Qorti thoss li minuri, li tkun daqstant certa f’dak li qalet anke fl-icken dettal, issahhah l-kredibilita taghha anke in vista tax-xhieda konfliggenti li taw il-genituri taghha.

Illi l-imputat qatt ma xehed f’dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero rrilaxxa stqarrija u fiha ammetta f’diversi partijiet li verament ghandu temperament aggressiv u li jsawwat lil ohtu u li ohtu imwerwra minnu. Anke ammetta s-swat li taha diversi snin ilu u din il-Qorti mhux ser tqis ai fini ta’ din il-kawza ghaliex ma giex akkuzat bihom, izda gie akkuzat biss li kkaguna feriti f’dawn l-ahhar sentejn.

Illi l-imputat fl-ebda hin ma cahad dak li qalet ohtu Deandra dwaru f’din l-istanza w ghalhekk aktar w aktar din il-Qorti ghandha temmen lil minuri Deandra, indipendentement minn kull xhud iehor.

Il-Qorti thoss li ghandha tipprotegi tali minuri u tirrileva li ghamlet sew li marret tirrapporta dan il-kaz u theggeg lil awtoritajiet koncernati sabiex jaghtu kull appogg lil din il-

minuri sabiex ma tibqax aktar f'halq il-lupu, esposta ghal tali perikolu u trattament inuman.

Il-genituri messhom jisthu jhallu tfajla minuri torqod fuq saqqu f'garaxx imdawwar bl-ghodda, esposta ghal kasha b'tarbija ta' sena w tlett xhur, u binhom, guvni ta' erbgha w ghoxirn sena, rieqed f'kamartu, qisu xejn m'hu xejn, meta t-tnejn huma wliedhom. Din d-distinzjoni u trattament hazin fil-konfront tal-minuri Deandra qatt ma messu sar.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ikkaguna ferita ta' natura gravi per durata pero zgur jirrizulta li kkaguna ferita ta' natura hafifa nhar d-disgha ta' Dicembru 2005 u fis-sentejn ta' qabel.

Il-Qorti thoss li verament din il-kawza hija wahda ta' stmerrija u l-imputat ghandu jhossu mbarazzat quddiem is-socjeta li agixxa b'dan il-mod feroci fil-konfront ta' ohtu z-zghira. Ma hemmx kelma ohra, hlief li messu jisthi juri wiccu quddiem s-socjeta u ghandu, bla dubju ta' xejn, jitlob apologija lil ohtu ghal hajja t'infern li ghaddiet minnu meta huwa fid-dover tieghu li jipprotegi u jiehu hsieb ohtu sal-mewt.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 18, 221, 338(dd), 339(b), 31, 17(c), 20, 30, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat MILOVAN CAMILLERI hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi per durata pero ssibu hati li kkawza ferita ta' natura hafifa nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005, u fiz-zmien ta' sentejn qabel din d-data, kif wkoll talli kiser l-bon ordni bi glied u li ghad li kellu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies.**

**Il-Qorti rat li l-imputat ghandu kondotta nadifa pero cio nonostante, ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu u fil-fatt, minhabba c-cirkostanzi fuq imsemmija, thoss li ghandha timponi piena karcerarja effettiva fuqu.**

**Il-Qorti, ghalhekk filwaqt li tiddikjara li qed tilliberah mill-akkuza li kkaguna ferita ta’ natura gravi per durata, qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt [6] xhur komplessivament ghal akkuzi l-ohra li taghhom sabitu hati.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra ta' Doctor Eileen Borg [fol 65] fl-ammont ta’ sittin lira u hamsa w ghoxrin centezmu [LM 60.25] u dan fi zmien xahrejn mill-lum u fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

**Tordna ulterjorment li kopja ta’ din s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Agenzija Appogg kif wkoll lil Ministru ghal Akkomodazzjoni Socjali bil-ghan li tinstab akkommodazzjoni alternattiva ghal vitma f’dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------